# IT-TALLABA.

## (MINN TA' MATILDE SERAO)

Arawha ! imsejkna !... għaddejja minn taħt il-ħajt kemm-kemm titħarrek, minn dik it-triq dejqa u mgħawġa tal-"Merkanti." U la tħares lejn ħwienet, u la tarfa' għajnejha l-fuq biex tara s-sema ikħal ta' fuq rasha, li jidher minn bejn id-djar għoljin, u anqas tħares biswitha. Tħares biss lejn il-ġebel, donnha qiegħda tgħoddu. Timxi bla kont qalb it-tajn ta' l-art bla ma tati kâs ta' l-imbuttar li jimbuttawha, bla ma tħares lejn il-kerettuni li jħokku magħha. Kif waslet ħdejn il-knisja taċ-"Cerrilju," quddiem ix-xbieha ta' l-Aċċjomu, imlibbes l-aħmar, b'rasu mdawra bix-xewk, b'għajnejh ċassi mimlija dmugħ, bi ġbinu u b'sidru imtebbgħin bid-demm magħqud, it-tfajla tatu daqqa ta' għajn bla kont, u reġgħet l-ura minn fejn ġiet bl-istess bixla.

Kienet tallaba. Kellha l-ġuħ, kellha l-bard, kellha l-għatx ! B'pexxunejha mikxufa, saqajha ħafja li kienet qe'd tkasbarhom qalb il-ħama. F'dik il-ġurnata kiesħa tax-xahar ta' Frar kienet miksija biss b'daqxejn ta' qmis u b'dublett imqatta', miżmum ma' qadda b'biċċa spaga. Imgeżwer ma' dwar għonqha kellha xall imżarrad, mehmuż b'labra. Xejn iżjed ! It-tfajla kienet wisq magħluba, bil-kemm mhix imqad'da : mit-tiċritiet tal-qmis u tad-dublett kien jidher laħamha isfar u bla demm, minn taħt ix-xall kienu jidhru ż-żewġ għadmiet ta' ma' ġenb għonqha maħruġin il-barra bħal-li-kieku jridu jaqbżu mill-ġilda; minn hekk kont tinduna malajr bil-faqar u l-mard ta' dak il-ġisem niexef daqs il-ħatab. Tifla ta' min jagħdirha !

Kellha għonqha imgħaddas ġo spallejha, imgħawġa, im-tertra bil-bard. Wiċċha sfajjar u għaqli, ġbinha mkemmex, ħuġbejha mtellgħin, għajnejha kbar sewdiena u mdaħħlin il-ġewwa qieshom ta' mara magħmula ; ħalqha żgħir, magħluq b'xuftejn irqaq u bojjod, bla ma jiċċaqalqu, b'żewġ tkemmixiet fi trufhom.... Kellha biss seba' snin !

Darba kellha ommha, magħluba, hija wkoll tallaba. Kienu jduru t-triqat ta' Portu jitolbu l-karità. Aktarx kienu jieklu ħobż b'xejn u kienu jorqdu taħt xi taraġ fuq ftit tiben, it-tifla b'rasha f'ħoġor ommha. Inbagħad ommha mietet bid-deni : it-tifla baqgħet weħidha fil-għera u fil-ġuħ. Ma bkietx, ma tniffsitx, ħarġet biex titlob il-karità u ma qalgħet xejn ; dik inhar baqgħet

sajma u raqdet għall-beraħ fuq it-taraġ tal-knisja, imkebba bħal kelb.

Ma' tulkom ja tliet snin, il-ħajja tat-tifla ma tbiddlet xejn. Ma kienet taf xejn, ma tiftakar f'xejn ħlief biss f'ġurnata twila li fiha dejjem kienet bil-ġuħ. Sa miż-żerniq kienet tibda d-dawran tagħha, It-triq tal-"Merkanti", qiesha musrana mgħawġa, kienet id-dar tagħha; hi kienet taf il-mogħdijiet kollha, l-isqaqijiet, il-kantini waħxin, il-ħwienet maħmuġa, il-egħjun jintnu, il-bibien dojjoq u sewdenin, imdawlin biss b'xaqq dawl, u t-turġien imwiegħra. Ġejja u sejra bla mistrieħ, mill-wesgħa ta' "Portanova", minn fejn kienet titlaq, sal-knisja taċ-"Ċerrilju", fejn kienet tasal. Kienet tieqaf ftit fil-pjazza ta' Portu, kienet iddur nofs dawra u ssib ruħha fis-"Sedil" il-qadim, tħares lejn ix-xbieha ta' l-îdlu "Orioni", imwaħħal mal-ħajt, u li n-nies kienet laqqmitu "Pexxispad", inbagħad kienet tasal sa ħdejn iż-żebbiegħa, tgħaddas saqajha f'dak l-ilma ikħal, aħmar, isfar u aħdar li kienu jarmu ż-żebbiegħa—ħaddiema bieżla li kont issibhom jaħdmu fi griebeġ mudlamin, ma' dwar imħajjes imġemda li kienu jħaltu ġo fihom trab kollu tal-għaġeb.

Kif kienet tasal hemm ma kinetx tissogra tgħaddi l-quddiem, għalhekk kienet iddawwar wiċċha u tarġa l-ura għat-triq tal-"Merkanti": ma kinitx tħares lejn dik id-dverna fejn kienu jaqlu l-ftajjar u l-ħut li jxoqqok bir-riħa, fejn kienu jidhru platti mimlija bil-brunċell u bl-istuffat. Kienet iddur mal-lemin għat-taraġ maħmuġ ta' "Santa Barbra", tasallek sal-forn tal-biskuttini, iżda billi kienu jħajruha, kienet twarrab malajr mit-tiġrif: hi u nieżla, kienet tieqaf biswit il-ħanut tal-vaski, tħares lejn dawk l-injiebi. Kienet tkompli triqitha saċ-"Ċerralju" u tarġa l-ura, dejjem bil-pass tagħha llajmat, tħokk mal-ħitan, u tiżloq minn bejn saqajn il-passiġġieri.

Dawk it-trejqat mudlama, dik id-djieqa, dak il-faqar, dawk id-djâr umdi, dawk l-irwejjaħ ħżiena, dawk il-bibien li jâtuk x'taħseb, dak in-nuqqas ta' xemx, dawk l-uċuħ xħaħ tan-neguzjanti, dawk l-uċuħ tosti tas-sensali ta' kuxjenza ħoxna, dawk l-uċuħ ta' maskri ta' nisa ħżiena, dawk l-uċuħ bla lewn u marradin taż-żgħażagħ bla raj, dik il-merkanzija avarjata u mimlija trab, kienu pajjiżha, kienu s-saltna tagħha!

(*Il-bqija għal darb'oħra*)

**Ġużè Micallef Goggi.**